MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1801/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat taghha Giuseppe Mallia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Giuseppe Mallia**

**vs**

**Abigay Azzopardi**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi s-somma ta' mija u wiehed u ghoxrin lira Maltin u centezmu (Lm121.01) rappresentanti danni sofferti mill-attur Giuseppe Mallia assigurat tas-socjeta attrici, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' Lm96.01 is-socjeta attrici, u kwantu ghall-

ammont ta' Lm25 l-istess Giuseppe Mallia in linea ta' *excess payment*, bhala rizultat ta'l-incident stradali li sehh fit-23 ta' Ottubru 2002 ghal habta tas-2:20p.m. gewwa Triq Qormi, Marsa, bejn il-vettura proprjeta ta'l-attur Giuseppe Mallia bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 948 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta' registrazzjoni ABI 111, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragini, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali ta'l-4 ta' Marzu 2003 u ta'l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta u u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta'l-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2003 kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta maghmula fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003 fejn hija eccepiet illi l-incident stradali mertu tal-kawza ma sehhx b'tort imputabbli lilha.

Sema' x-xhieda ta'l-attur, ta' PS768 Silvio Brincat u tal-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-incident stradli mertu tal-kawza sehh fi Triq Qormi, il-Marsa ezatt taht il-fly-over fejn hemm il-fabbrika tal-Wands. L-attur kien tielgha fuq il-karreggjata ta' barra bi hsiebu jaqbad ir-*roundabout* sabiex imur lejn il-Hamrun, filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq fuq il-*lane* ta' gewwa  bi hsieba iddur fuq ix-xellug taghha sabiex tmur lejn il-*by-pass* ghad-direzzjoni tar-Rabat.

L-attur min-naha tieghu jikkontendi illi huwa kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' barra, meta hekk kfi wasal sabiex jaqbad ir-*roundabout* vicin il-*give-way* sign, huwa beda jikser xi ftit lejn ix-xellug, izda baqa' dejjem fuq il-karreggjata tieghu. F'daqqa wahda sema' brejk minn warajh u ll konvenuta baqghet diehla fih. Huwa isostni illi

fl-ebda mument qabel l-incident huwa ma kien ra lill-konvenuta u dana peress illi hija kienet qed issuq fuq il-karreggjata ta' gewwa u ma kien hemm l-ebda raguni 'il ghala huwa kellu ihares lejn it-traffiku li kien gej minn warajh, gialdarba kien bi hsiebu jibqa' ghaddej fid-dritt.

Min-naha taghha l-konvenuta ukoll issostni illi hija baghqet dejjem issuq fil-karreggjata ta' gewwa u fl-ebda mument ma biddlet il-karreggjata, izda tikkontendi illi kien il-konvenut li f'daqqa wahda kiser ghal fuqha meta wasal biswit taghha, minghajr l-ebda indikazzjoni. Il-konvenuta zammet il-brejk, u dana kif jidher fuq l-iskizz esebit mis-surgent Brincat (Dokument SB2), izda l-attur baqa' diehel fil-vettura taghha, imbaghad kiser u rega' mar fuq il-karreggjata tat-triq tieghu. L-konvenuta tikkontendi illi hija ma setatx tevita dana l-incident ghaliex kieku ippruvat tikser lejn ix-xellug kienet tibqa' diehla fil-hajt u ghalhekk l-unika haga li setghet taghmel kien li izzomm il-brejk.

Illi miz-zewg verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa, ma tirrizulta l-ebda prova illi xi hadd minnhom biddel it-trajettorja fis-sewqan tieghu. Madanakollu l-incident sehh u kien hemm kollizzjoni bejn iz-zewg vetturi, tant ghalhekk illi bil-fors illi xi hadd minnhom invada l-karreggjata ta'l-iehor. Illi ma hemmx dubbju illi l-fattispecje tat-triq tirrikjedi lis-sewwieqa kollha, kemm dawk li ikunu qed isuqu fuq in-naha tal-lemin tat-triq, kif ukoll dawk tan-naha tax-xellug li jiksur lejn ix-xellug, qabel ma jigu biex jaqbdu r-*roundabout*, u dana kif jixhed ukoll is-surgent Brincat. Ghalhekk semmai kien l-attur li kellu ghalfejn jikser xi ftit lejn il-karreggjata tan-naha ta' gewwa u mhux vice-versa. L-attur min-naha tieghu ighid illi huwa ma kienx konxju tat-traffiku li kien qieghed jinsaq warajh, la fuq il-karreggjata ta' barra u lanqas ta' gewwa u kien biss meta sema il-hoss tal-brejk u sehhet il-habta illi huwa induna bil-vettura tal-konvenuta qed tinsaq warajh. Ghalkemm huwa isostni illi dejjem baqa' isuq fuq in-naha tieghu tat-triq, madanakollu l-konvenuta, li kienet gejja minn warajh u li setghet tara sew il-manuvra li kien qieghed jaghmel l-attur, tikkontendi illi minghajr indikazzjoni ta' xejn l-attur invada xi ftit il-karreggjata tat-triq fejn hija kienet qieghda issuq u ghalkemm zammet brejk, sabiex tipprova tevita l-

incident, ma irnexxiliex tahrab mill-impatt. Fil-fatt anke l-attur stess ighid illi hekk kif hareg mill-vettura tieghu wara l-incident, l-konvenuta mal-ewwel akkuzatu illi kien invada l-karreggjata tat-triq taghha u li baqa’ diehel fiha.

Illi l-brejk marks li kien hemm wara l-vettura tal-konvenuta ma jitfghu l-ebda htija fuq is-sewqan taghha, ghaliex fl-ewwel lok jinsabu kompletament fuq il-karreggjata taghha, u jekk l-istess jista’ jittiehed bhala indikazzjoni ta’ xi velocita, hija xortawahda baqghet issuq fuq il-karreggjata tat-triq taghha u ma kien hemm l-ebda raguni ‘il ghala dana seta’ wassal ghall-incident.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal isib illi l-atturi ma irnexxielhomx jippruvaw illi l-incident mertu tal-kawza sehh b’xi tortijiet imputabbli lill-konvenuta u ghalhekk it-talba attrici qed tigi michuda.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------